# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022**

**Talba Nru. 460/2018 JG**
**Numru fuq il-Lista: 2**

**Louis Zammit (K.I. 489889(M)) u Tracey Zammit (K.I. 314889(M))**

**Vs**

**Mecca Enterprises Limited (C46555)**[1]

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-17 ta' Settembru 2018, permezz ta' liema l-atturi talbu lis-soċjetá intimata tħallas l-ammont ta' elfejn, sitt mija u erbgħa u

[1] Inizjalment dawn il-proċeduri ġew istitwiti kontra Nichol Chetcuti u Mecca Marine Limited. Irid jingħad li kien hemm xi ftit konfużjoni dwar dan. Possibbilment dan ġie hekk kkrejat għaliex inizjalment l-atturi ma kinux assisti. Fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2019 quddiem dan it-Tribunal kif preċedentement presedut ġie ċċarat li din l-azzjoni kienet diretta biss kontra Mecca Marine Limited. Sussegwentement mbagħad fis-seduta tal-17 ta' Ottubru, 2019, isem s-soċjetá intimata ġie sostitwi għal-Mecca Enterprises Limited.

tletin Ewro (€2,634.00) rappreżentanti rifużjoni ta' depożitu ta' lanċa kif deskritt fl-istess Avviż[2];

Ra d-dokumenti annessa mal-Avviż[3];

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2019[4];

Ra r-risposta tal-konvenut, ippreżentata fit-18 ta' Lulju 2019[5], tramite liema l-konvenut laqa' għal din l-azzjoni billi eċċepixxa li ma kien hemm l-ebda soċjetá bl-isem Mecca Marine Company Limited; l-inkompetenza *rationae materie* ta' dan it-Tribunal, li d-diffetti kienu biss kosmetiċi u li d-dgħajsa kienet fi stat tajjeb, li l-atturi kienu spezzjonaw l-lanċa u li l-ebda ammont ma huwa dovut;

Ra dak li seħħ fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2019 meta ntalbet u ġiet akkolta talba għall-korrezzjoni fl-isem tas-soċjetá intimata[6];

Ra x-xhieda ta' Louis Zammit u ta' Ramona Zammit magħmula quddiem dan it-Tribunal kif preċedentement presedut[7];

Ra l-affidavit tal-attur Louis Zammit[8];

Ra x-xhieda ta' Tracey Zammit magħmula quddiem dan it-Tribunal kif preċedentement presedut[9];

---

[2] A fol 1 *et seq* tal-proċess. L-Avviż ġiex ppreżentat minngħajr l-assistenza t'avukat.
[3] A fol 5 *et seq* tal-proċess.
[4] A fol 24 tal-proċess.
[5] A fol 26 *et seq* tal-proċess.
[6] Verbal relattiv jinsab a fol 28 tal-proċess.
[7] It-tnejn magħmula fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2019.
[8] Ippreżentat permezz ta' nota a fol 34 tal-proċess.
[9] Magħmul fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2020.

Ra l-affidavit ta' Nichol Chetcuti u r-rapport ta' James Cachia Debono[10];

Ra d-digriet tat-28 ta' Ottubru, 2020, tramite liema, il-Prim Imħallef ordna li din it-talba tiġi hekk assenjata lil dan it-Tribunal kif issa presedut[11].

Sema' x-xhieda ta' Louis Zammit u ta' Tracey Zammit[12];

Sema' x-xhieda ta' Ramona Zammit[13];

Sema' x-xhieda ta' Nichol Chetcuti[14];

Ra n-noti sa' sottomissjonijiet tal-kontendenti[15];

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal ai termini tal-artikolu 732A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn qajjem *ex officio* l-eċċezzjoni tal-kompetenza *rationae valoris*;

Sema' t-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet fuq din l-aħħar eċċezzjoni , liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta[16].

Ra l-atti proċesswali kollha;

---

[10] Nota relattiva tinsab a fol 45 tal-proċess.
[11] A fol 168.
[12] Magħmula fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2020.
[13] Magħmula fis-seduta tas-17 ta' Ġunju 2021.
[14] Magħmula fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2021.
[15] Dik tal-atturi tibda a fol 107. Dik tas-soċjetá intimata tibda a fol 112.
[16] Hekk kif ordnat fis-seduta tal-25 ta' April 2022.

**Ikkunsidra;**

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, ix-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri. Dan qiegħed isir anke għaliex ix-xhieda ma ġietx kollha mismugħa minn dan it-Tribunal kif issa presedut, u għalhekk qiegħed jagħmel hekk sabiex iserraħ moħħ il-partijiet li dik ix-xhieda ġiet debitament mixtarra.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

Illi l-attur Louis Zammit xehed diversi drabi. Inizjalment, in eżami u *viva voce*[17] jiddeskrivi r-ritratti annessi mal-Avviż. Jispjega li huwa, flimkien ma' martu u ommu kienu marru ġewwa s-*showroom* apposta sabiex jieħdu r-ritratti ta' xi danni fuq dgħajsa. L-eżami tiegħu kien jitkellem dwar dan biss għaliex huwa kien ħejja affidavit.

Illi fl-affidavit[18], jispjega aktar fil-profond il-ġrajja. Jgħid li huwa u martu (l-attriċi l-oħra f'dawn il-proċeduri) riedu jakkwistaw dgħajsa u marru fis-*showroom* tas-soċjetá intimata. Kien il-15 t'Awwissu 2018. Kienet għoġbitom dgħajsa partikolari minħabba l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Meta raw id-dgħajsa, l-ambjent kien wieħed mingħajr dawl naturali u d-dgħajsa kienet f'rokna. Naħa minnhom għalhekk ma setgħetx tiġi eżaminata. Kien hemm numru ta' dgħajjes oħra. Dakinhar peró, id-dgħajsa għoġbitu u ħallas depożitu. Jgħid li sa dak il-ħin ma kienx jimmaġina li kien hemm xi ħsara mistura. Fit-30 t'Awwissu 2018, huma reġgħu marru sabiex jordnaw xi *extras*. Meta reġgħu niżlu jaraw id-dgħajsa il-pożizzjoni tal-aħħar kienet inbidlet u ma kinitx aktar mal-ħajt. Hawnhekk, raw li kien hemm biċċa tape fuq il-pruwa. Wara ħafna insistenza ma' Nichol Chetcuti,

[17] Xhieda relattiva tibda a fol 30 tal-proċess.
[18] Dan jibda a fol 35tral-proċess.

dan neħħa t-*tape* u sabu li kien hemm girfa mdaqqas u fonda. Chetcuti infurmah li dik titranġa. L-għada reġa' mar jiltaqa' ma' Chetcuti u qallu li ma riedx aktar id-dgħajsa minħabba din il-girfa. Talbu d-depożitu jew *credit note*. Filgħaxija mbgħad mar jieħu r-ritratti li semma fl-eżami *viva voce*. Huma qalulu li kienu lesti jieħdu dgħajsa oħra tal-istess mudell iżda Chetcuti qalilhom li l-prezz ikun aktar għoli. Wara dan kien hemm skambju ta' ħafna korrispondenza elettronika. Hu jtenni li nduna bil-ħsara wara li kien ħallas id-depożitu u ma xtarax id-dgħajsa minħabba dan id-dannu. Spiċċaw xtraw dgħajsa oħra mingħand xi ħadd ieħor.

Illi in kontro-eżami[19], jispjega li meta jgħid lid-difetti kienu mistura, jgħid hekk għax kienu ma' ħajt. Dakinhar ħalla d-depożitu u kien biss meta tresqqet id-dgħajsa li nduna bihom. Kien hemm xi affarijiet bit-tape. Bħala ħsara jgħid li kien hemm xi grif. Jgħid li hu jħobb id-dgħajjes iżda mhux mekkanik. Jgħid li b'dannu ma jridx ifisser li kien sejjer jitfagħha fil-baħar u tereq iżda qiegħed jitkellem dwar dan il-grif. Għalih dan kien ifisser lid-dgaħjsa ma kinitx ġdida. Ma jaqbilx li Chetcuti qallu li dawn l-affarijiet jitranġaw. Jibqa jgħid li hu ma riedx id-dgaħjsa. Jikkonferma li ħadd ma fixklu waqt li spezzjona d-dgħajsa. In ri-eżami magħmul fl-istess seduta jerġa' jikkonferma l-eżami tiegħu jżid li kien hemm numru ta' dgħajjes fis-showroom.

Illi f'dawn il-proċeduri xehdet Ramona Zammit. In eżami[20] tgħid li skond ir-ritratti hemm xi brix u daqqa. Hi kienet ma Louis meta ħadu r-ritratti. Tgħid li d-dgħajsa kienet ġo garaxx mingħajr dawl naturali. Tikkonferma li Chetcuti qalilhom li biex iġibu dgħajsa oħra kien sejjer jogħla l-prezz. Chetcuti ma riedx jirranġa s-sitwazzjoni. Il-mara tal-attur ukoll riedet dgħajsa ġdida. In kontro-eżami[21] ma kinitx taf tgħid jekk Louis kellux problemi finanzjarji.

[19] Dan jibda a fol 75 tal-proċess.
[20] Xhieda relattiva tibda a fol 31 tal-proċess.
[21] Magħmul ukoll fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2019 u jibda a fol 33 tal-proċess.

Illi b'kontro-eżami ulterjuri[22] tgħid li hija tiġi omm Louis. Tgħid li qatt ma tkellmet ma' Nichol Chetcuti direttament. Il-ħsara kienet xi brix u anke daqqa.

Illi f'dawn il-proċeduri xehdet ukoll Tracey Zammit. In eżami[23] tgħid li inizjalment tgħid li meta nqala t-tape minn ħu Nichol Chetcuti rat qisu girfa. Andre (ħu Nichol) qalilhom li dik ma kienet xejn iżda huma kienu inkwetati. L-ewwel darba li raw id-dgaħjsa kienet mal-ħajt. It-tieni darba kienet iċċaqalqet. L-ambjent kien mudlam. Tgħid li mbagħad ir-raġel kompla jiddiskuti ma' Nichol u saħansitra marret hi tkellmu iżda inutilment. Tgħid li apparti t-tape kien hemm qisu rubber b'daqqiet fuqha f'post ieħor. Tgħid li hi riedet id-dgħajsa daqs żewġha jekk mhux aktar. Kienet anke ġabet il-liċenzja apposta.

Illi in kontro-eżami[24], l-istess xhud tikkonferma li marru diversi drabi jaraw id-dgħajsa. Tgħid li ħadd ma fixkilom waqt li kienu qegħdin jarawha, iżda naħa waħda kienet ma ħajt. Huma qablu li ma riedux id-dgħajsa bil-grif.

Illi Nichol Chetcuti inizjalment xehed permezz t'affidavit[25]. Jgħid li l-atturi kienu ġew f'Awwissu tas-sena 2018 fis-*showroom* tas-soċjetá intimata. Ġew numru ta' drabi jaraw id-dgħajsa in kwistjoni li hija Drago 601 Crusier, flimkien mal-ġenituri tagħhom u anke xi ħabib. Dejjem kellhom aċċess liberu għal din id-dgħajsa u setgħu jagħmlu kull spezzjoni li xtaqu. Jgħid li bħala proċedura ta' bejgħ, is-soċjetá titlob is-somma ta' €500 bħala depożitu u li din id-dgħajsa partikolari kellha *discount* ta' €1000. Minflok l-ammont ta' €500, huma ħallsu l-ammont ta' €2643. Ġie eżebit il-kuntratt relattiv. Id-depożitu kien wieħed *non-refundable*. Imbagħad il-bilanċ kellu jitħallas f'pagamenti oħra sa Mejju 2019. Wara li d-dgħajsa tiġi mħallsa kollha, din kellha mbagħad tgħaddi għand l-atturi.

---

[22] Dan jibda a fol 90 tal-proċess.
[23] Xhieda relattiva tibda a fol 40 tal-proċess.
[24] Dan jibda *a tergo* ta' fol 82.
[25] Dan jibda a fol 46 tal-proċess.

Wara xi ftit, jgħid li l-attur kien ġie jkellmu u qallu li martu ma riditx aktar id-dgħajsa. Hu qallu li ma setax iħassar il-bejgħ, anke għaliex kien diġa ġab dgħajsa oħra biex tieħu postha. Fil-5 ta' Settembru 2018, l-attur beda jgħidlu fuq diversi *cracks* fid-dgħajsa u wkoll xi tiċpis. Beda jgħid li dawn kienu difetti moħbija. Jgħid li l-atturi kienu diġa' rawhom dawn l-affarijiet u kienu aċċettaw li dawn kienu biss kosmetiċi. Is-soċjetá intimata offriet dgħajsa oħra tal-istess għamla iżda bi prezz ta' €1000 aktar. L-atturi rrifjutaw. Jgħid li din id-dgħajsa ġiet mibjugħa lil xi ħadd ieħor mingħajr problemi. Id-dgħajsa ġiet spezzjonata minn espert li wkoll sab li dawn kienu affarijiet żgħar kosmetiċi. Dan ir-rapport ġie eżebit u l-espert ħa ġurament fuqu[26].

Illi in kontro-eżami[27] jikkonferma li huwa d-direttur tas-soċjetá intimata. Jgħid li huwa ħuħ pero li huwa direttament involut fin-negozju. Ix-xhud issoltu jkun fis-*showroom*. F'dan il-każ, l-ammont jitħallas kien f'dak l-ammont sabiex jitħalla ammont bilanċjali tond ta' €25,000. Jaqbel li d-dgħajsa kienet miżmuma f'livell sottoterran. Ma jaqbilx li kien henmm dawl fjakk. Ma jaqbilx li din id-dgħajsa kienet inkaxxata mal-ħajt, wieħed seta jdur magħha. Dwar il-ħsara jgħid li dan kien sempliċiment *residue* ta' kolla fuq il-*fibreglass*. Jikkalkula li jiswa madwar ħmistax il-Ewro. Ma jaqbilx li l-atturi ingħataw skont minħabba dan il-fatt. L-iskont ingħata biss minħabba l-fatt li kienet l-aħħar waħda disponibbli. Jgħid li kien offra dgħajsa oħra ġdida *in full price*. Mistoqsi mit-Tribunal jgħid li l-ġdida kienet sejra tkun ta' sena aktar riċenti, għalkemm il-mudell jibqa l-istess. Jikkonferma li darba minnhom hu ma kienx preżenti, iżda kien hemm lavranta oħra. Jgħid l id-dgħajsa odjerna inbiegħet li xi ħadd ieħor. Ma kien hemm xejn mistur. In ri-eżami u fil-kontro-eżami ulterjuri prattikament jirrepeti ruħu. Sempliċement jżid li d-dgħajsa inqalgħet minn posta għaliex kien ġej xogħol ġdid. Jerġa' jikkonferma li l-atturi setgħu iduru jaraw id-dgħajsa fl-intier tagħha.

[26] Dan huwa indikat bħala Dok NC 2 u jibda a fol 53.
[27] Dan jibda a fol 98 tal-proċess.

Illi magħmul dan ir-riassunt imiss li jiġu investiti l-aspetti legali. Qabel xejn tajjeb li jiġu deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari u dawk konċernanti l-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Dan għandu jsir *in primis* u b'mod separat[28]. Dan għandu jsir hekk għaliex f'każ li t-Tribunal isib li m'huwiex kompetenti sabiex jiddetermina din il-kwistjoni, allura ma jkunx jista' mbagħad jeżamina l-mertu hu stess.

**<u>Eċċezzjoni Imqanqla Ex Officio – Rationae Valoris</u>**

Illi din l-eċċezzjoni tqajmet minn dan it-Tribunal a tenur tal-Artikolu 732A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ta' l-aħħar ikkodifika dak li kienet tgħid il-ġurisprudenza preċedenti, fis-sens li l-kontendenti f'litiġju m'għandhomx ikunu sorpriżi b'xi fatt jew argument legali mhux trattat fil-proċeduri iżda li jissemma biss fis-sentenza[29]. Kien għalhekk li l-partijiet, wara li ddikjaraw li m'għandhomx provi dwar din l-eċċezzjoni, ittrattaw dan il-punt. Il-ħtieġa li titqajjem *ex officio* din l-eċċezzjoni kienet naxxenti mill-fatt li d-dgħajsa in kwistjoni kellha valur li jeżorbitá l-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Illi jingħad li l-kompetenza ta' dan it-Tribunal huwa radikat bl-artikolu tlieta (3) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn fis-subinċiż tnejn (2) tiegħu jispjega li t-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef Ewro (€5,000), u dan mingħajr ħsara għas-subinċiż ħamsa (5) tal-istess artikolu.

[28] F'dan ir-rigward jidħol fix-xena dak li jrid u jgħid l-artikolu 730 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[29] Fost diversi wieħed huwa mistieden jara dak li ntqal u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Kevin Chircop vs Joseph Chircop,</u>** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), App Ċiv Nru: 2760/1997/1, nhar il-1 ta' Diċembru 2006.

Illi fit-trattazzjoni saret referenza għal-sentenza ta' dan it-Tribunal fl-ismijiet **Antonia Mifsud K/A Tanya vs No Deposit Cars Malta Limited et**[30].

Illi peró t-Tribunal jgħid li meta ssir referenza għal sentenzi oħra, wieħed irid jara l-fattispecie partikolari ta' dak il-każ. Huwa ndubitat li prinċipji ġenerali ta' dritt, jew aħjar, l-applikazzjoni tagħhom f'xi litiġju, huwa ċirkoskritt bil-fatti ta' dak il-każ partikolari. F'dik id-deċiżjoni, kien hemm kwistjonijiet dwar il-valur ekonomiku sħiħ li kien isawwar ir-rapport ġuridiku u għalhekk kien hemm il-ħtieġa li dan it-Tribunal jinvestiga l-kuntratt sħiħ minħabba n-natura tat-talba u tal-linja difensjonali.

Illi f'dan il-każ peró jirriżulta ċar li l-eżami rikjest minn dan it-Tribunal m'huwiex wieħed li jolqot il-valur globali tal-kuntratt ta' bejn il-kontendenti[31].

Illi fil-każ odjern fil-verità il-bejgħ attwali qatt ma ġie konkluż. Apparti minn hekk, l-atturi xtraw dgħajsa oħra u s-soċjetá intimata biegħet dik mertu tad-depożitu odjern. Aktar minn hekk illum, ħareġ ċar li l-bejgħ ma jistax isir aktar, ġialdarba s-soċjetá konvenuta ttrasferiet l-istess lil terz. Għalhekk għalkemm wieħed jifhem li t-trattazzjonijiet magħmula kienu aktar ċentra fuq kwistjonijiet strettament pertinenti għall-kuntratt ta' bejgħ, dan fil-verità m'huwiex il-każ. Il-każ odjern jixxiebah aktar mal-prinċipji tal-inadempjenza kuntrattwali. Hija l-fehma tat-Tribunal li jekk t-talbiet attriċi jintlaqaw, id-deċiżjoni ma tkunx qiegħda hi stess tagħti lok għall-ħall ta' bejgħ, għaliex f'dan il-każ bejgħ ma sarx.

---

[30] (Tlb Nru: 196/2020) deċiża minn dan it-Tribunal fit-28 ta' Jannar 2021

[31] F'dan is-sens hekk mexa dan it-Tribunal kif presedut fis-sentenza fl-ismijiet **Emmanuel Spiteri vs Christopher Micallef,** Talba Nru: 14/2019, nhar il-25 ta' Jannar 2021.

Illi għalhekk wieħed għandu jħares primarjament lejn l-ammont indikat fl-Avviż tat-Talba[32].

Illi finalment irid jingħad li għalkemm din l-eċċezzjoni kienet waħda mqajma *ex officio* dan naturalment ma jfissirx li l-awtoritá ġudikanti li eċċepiet l-istess hija awtomatikament marbuta li taċċettaha[33]. Li wieħed jgħid il-kontra jkun ifisser li fil-mument li tiġi hekk eċċepita xi eċċezzjoni magħmula b'dan il-mod, il-ġudikant ikun diġa ddeċieda, b'dana li l-opportunitá li jagħti lill-partijiet sabiex iressqu provi u jittrattaw dwarha jkun eżerċizzju futili.

Illi b'hekk jiġi li ma hemmx kwistjonijiet ta' kompetenza taħt dan l-aspett.

**<u>Eċċezzjoni Rationae Materie – It-Tieni Eċċezzjoni tas-soċjetá konvenuta</u>**

Illi ħafna milli ntqal dwar l-eċċezzjoni *rationae valoris* jgħodd *mutatis mutandis* ai fini ta' din l-eċċezzjoni. Is-soċjetá konvenuta tgħid li peress li l-azzjoni attriċi hija waħda hekk msejjħa *actio redibitorja* allura dan it-Tribunal huwa nkompetenti minħabba s-suġġet mitlub.

Illi bid-dovut rispett din l-eċċezzjoni qajla tista tinftiehem. L-azzjoni hija sempliciment għar-rifużjoni ta' somma likwidata u ċerta *sic et simpliciter*. Kif

---

32 F'dan is-sens issir referenza, fost diversi pronunzjamenti simili, għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Joseph Vella sive Vella-Baldacchino et vs John Falzon et,</u>** (Rik Ġur Nru: 444/2017), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Lulju 2019 fejn ġie ripetut hekk: *"Ikkonsidrat li hija gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna illi l-kompetenza ta' Qorti hi determinata fuq kollox, u qabel kull konsiderazzjoni tal-eccezzjoni moghtija, mit-termini talazzjoni attrici. Hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u lpremessi taghhom, li jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha (Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et (Appell - 7 ta' Ottubru 1997)"*

33 Wieħed huwa mistiedene jara dak li seħħ fil-proċeduri fl-ismijiet **<u>Josette Camilleri vs the Malta Union Club *et,*</u>** (Rik Maħluf Nru: 1164/2019) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-25 ta' Frar 2022.

diġa ġie spjegat, dan it-Tribunal mhuwiex qiegħed iqis din l-azzjoni bħala waħda li normalment titqies applikabbli f'kuntratt ta' bejgħ konkluż. F'dan il-każ m'huwiex qiegħed jintalab lid-dgħajsa tiġi mrodda lura lill-venditur.

Illi madanakollu jingħad li dan it-Tribunal għandu l-kompetenza jissindika kuntratt ta' bejgħ, basta li t-totalitá tal-valur ekonomiku tiegħu, jekk allura huwa kollu in disputa, ma jaqbiżx il-kompetenza tal-valur tiegħu. Din għalhekk ma tiċċentra xejn mal-kompetenza minħabba l-materja diskussa iżda semmai tista tagħti lok għal xi dibattitu dwar il-valur tal-oġġett[34]. Ukoll, ftit tinftiehem din l-eċċezzjoni meta tgħid li hija biss il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili li hija kompetenti li tisma u tiddeċiedi dawn it-tip ta' kawżi[35].

Illi b'hekk din l-eċċezzjoni hija ħażina u qiegħda tiġi miċħuda.

Illi b'hekk, taħt iż-żewġ aspetti[36], dan it-Tribunal huwa kompetenti li jaqta din il-vertenza.

**L-Ewwel Eċċezzjoni – Is-soċjetá Mecca Marine Company Limited ma teżistix.**

Illi tajjeb jiġi mfakkar li permezz ta' digriet tas-17 t'Ottubru 2019, din l-eċċezzjoni li tirrikjama l-eżistenza o meno (u allura il-leġittimita passiva) tas-

[34] F'dan is-sens, isir riljev għal dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Jeffrey Micallef vs Master Enterprise Company Limited,** (App Ċiv Nru: 327/2015) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-17 ta' Novembru 2017.

[35] F'dan is-sens issir referenza, u dan sempliċiment biex jintwera li m'hijiex biss il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili li hija kompetenti, għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Camilleri vs Joseph Zammit *et*,** (Avv Nru: 561/2005) mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-15 ta' Ottubru 2012. Salv għall-varjazzjoni fuq id-dekorriment tal-imgħax, din is-sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-29 ta' Lulju 2016.

[36] Dawk emerġenti mill-artikolu 774(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

soċjetá inizjalment indikata ġiet sorvolata. B'hekk m'hemmx aktar lok ta' dibattitu dwarha.

Illi jifdal biss li wieħed iqis il-mertu.

**<u>Mertu</u>**

Illi t-Tribunal ikollu jistqarr li sab diffikultà jiddetermina n-natura tal-azzjoni odjerna. Dan forsi kien hekk għaliex il-kliem utilizzat fl-Avviż ma tantx huwa wieħed ċar, possibbilment għaliex l-atturi ma kienux inizjalment assistiti[37]. Dan baqa' jipperdura waqt is-smiegħ tal-kawża għaliex jidher li l-kontendenti aktar iffukaw ruħhom fuq aspetti li kienu jkunu pertinenti li kieku l-bejgħ seħħ.

Illi f'dan il-każ, it-trasferiment tad-dgħajsa[38] qatt ma seħħ u b'hekk wieħed ma jistax jitkellem dwar kuntratt konkluż bejn il-partijiet. Dan huwa kkonfermat

---

[37] L-Artikolu 12 tal-L.S. 380 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk: *"Il-Ġudikatur jista' jeħles lil parti li ma jkunx qiegħed jidher għaliha avukat jew prokuratur legali jew rappreżentant professjonali ieħor, mill-konsegwenzi li jista' jkun hemm fin-nuqqas ta' tħaris ta' xi waħda minn dawn ir-regoli, jekk jintwera li dan ikun sar bi żball, żvista jew kull raġuni oħra li l-Ġudikatur iqis validi. F'dawk il-każi l-Ġudikatur jista' jagħmel ordni li jqis bħala wieħed ġust".* Utli wkoll li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Celine Imber vs Jasmin Voss</u>**, (Tlb Nru: 4/2013 KCX) mogħtija minn dan it-Tribunal (fi Proċeduri Ewropeja) fis-26 ta' Marzu 2018. It-Tribunal jagħmel dak hemm deċiż dwar dan l-aspett tiegħu, mingħajr ħtieġa li jżid ebda kliem ulterjuri fuq is-suġġett.

[38] Dan wara kollox ma huwa xejn għajr kliem dak li jrid l-artikolu 32 tal-Kapitolu 234 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Joseph Bugeja vs Joseph Bartolo et</u>** mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ nhar il-10 ta' Jannar 1950. F'dik is-sentenza, wara li saret referenza għall-Bill of Sale intqal hekk: *"Ebda prova oħra ma hija attendeibili biex wieħed jara min hu r-"registered owner". Dan kien hekk minn dejjem; u meta fil-Qrati Ingliżi ġie espress xi dubju, Lord Stowell, fil-każ ċitat mill-Abbott (Treatise of the Law relating to Merchang Ships and Seamen, p. 2), qal enfatikament :- "According to the ideas which I have always entertained on this question, a bill of sale is the proper title to which the maritime courts of all countries would look. It is the universal instrument of transfers of ships in the usage of all maritime countries, and in no degree a peculiar title – deed or conveyance known only the Law of England. It is what the maritime law expects, what the Court of Admiralty would in its ordinary practice require and what the legislature of the country has now made absolutely necessary with regard to British subjects by the regulations of the Statue Law".* Issir ukoll referenza għas-sentenza ismijiet **<u>Avukat Kris Borg *noe* vs Kaptan Daginn</u>**

mill-partijiet stess, anzi, is-soċjetá konvenuta tgħid li din id-dgħajsa lanqas biss għadha fil-pussess tagħha għaliex inbiegħet lil xi ħadd ieħor. F'dan il-każ allura hemm l-impossibilitá assoluta lid-dgħajsa tintradd lill-atturi. Ukoll, jirriżulta lis-soċjetá konvenuta qatt ma mexxiet b'xi proċedura bħal dik kontemplata fl-artikolu 1348(3) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jirriżulta ċar li l-kontendenti ma riedux jibqgħu aktar vinkolati bl-arranġament magħmul minnhom. Fil-każ odjern, it-Tribunal ma jistax jara lis-soċjetá konvenuta għandha xi raġuni valida fil-liġi sabiex tibqa' żżomm d-depożitu ġialadarba hi stess għażlet li tiżvesti ruħha mill-pussess tal-bastiment u ma tmexxix aktar[39] fuq il-konsenja tad-dgħajsa[40] (u għalhekk tisforza l-finalizazzjoni tal-bejgħ)[41]. B'hekk is-soċjetá konvenuta illum ma tistax tirreklama aktar ż-żamma tad-depożitu mħallas mingħajr ġustifikazzjoni.

Illi finalment ukoll għandu jkun indiskuss li dan it-Tribunal huwa munit b'fakultá differenti mill-Qrati ordinarji u ċioé l-obbligu li prinċipalment jaqta' t-talbiet quddiemu b'element t'ekwitá[42]. Issa, id-diskrezzjoni ekwitattiva m'għandhiex

---

**Halvorsen *noe,*** (App Ċiv Nru: 1151/1995/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar id-9 ta' Novembru 2012 fejn dwar din id-distiznjoni intqal hekk: *"It-trasferiment, peró, isir b'att ta' bejgħ ("Bill of Sale"), kif jgħid l-Artikolu 32 tal-liġi msemmija u għalkemm dan il-bejgħ għandu jiġi reġistrat mal-awtoritá kompetenti (Artikolu 34), dan ma jinnewtralizzax il-fatt li l-bejgħ ikun komplet hekk kif jiġi ffirmat l-att ta' bejgħ.* Inċidentalment wieħed huwa mistieden jara wkoll, sa fejn applikabbli, s-sentenza ta' dan it-Tribunal tallum stess fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited *et* vs Vincent Micallef *et,*** (Talba Nru: 450/2018).

[39] Dan in omaġġ tal-massima li *Electa una via non datur recursus ad alteram* – 'Scelta una via, non é consentito seguirne un' altra'. - Brocardo 1465 – **Dizionario dei Termini Ġiuridici e dei Brocardi Latini,** Edoardo Mori, VII ed, fol 150.

[40] Hawnhekk jidħlu fix-xena l-artikoli 1125 u 1126 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[41] F'dan is-sens it-Tribunal jagħmel ampja referenza, kemm għad-duttrina forensi u għar-rakkolta ġurisprudenzjali hemm miġbura fis-sentenza fl-ismijiet **Melvin Borg Concrete Works Limited vs Ventur Motors Centre Co. Limited,** (Tlb Nru: 586/2018 KCX) mogħtija nhar il-5 ta' Novembru 2020 (mhux appellata). Utli wkoll li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Stephen Bonnici vs No Deposit,** (Talba Nru: 93/2019) deċiża minn dan it-Tribunal nhar it-3 ta' Diċembru 2019 (mhux appellata). Ta min it-Tribunal ġustament jissenjala li din il-ġurisprudenza ġiet ukoll riferuta mill-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom.

[42] Artikolu 7 tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta.

tintuża sabiex *jivvjola n-normi pożittivi tal-ġustizzja, sew proċedurali in kwantu għall-oneru tal-provi, sew sostantivi*[43]. Min-naħa l-oħra mbagħad dan il-kejl jippermetti wkoll ċertu ammont t'elastiċita f'dak li huwa ġudizzju[44]. Tassew, dan il-fatt, għalkemm huwa aktar aċċenwat fi proċeduri quddiem dan it-Tribunal, huwa wkoll ċentrali fis-sistema ġudizzjarja tagħna[45].

Illi għalhekk, anki b'sens ta' ġustizzja[46], fid-dawl ta' dak li ġie mistħarreġ qabel, jingħad li l-ammont imħallas bħala akkont tal-prezz ta' dgħajsa li llum tinsab fil-pussess ta' terz, għandu jiġi rifuż.

Illi finalment irid jingħad li huwa minnu li l-atturi naqsu milli jindikaw li qiegħdin jitolbu l-ispejjeż tal-preżenti litiġju u l-imgħax. Madanakollu dan m'huwiex ta' xkiel għal dan it-Tribunal għas-segwenti raġunijiet. Għal dak li jikkonċerna t-talba għall-ispejjeż, din titqies bħala miktuba ai fini tal-artikolu 177 tal-Kapitolu

---

[43] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Martin Paul u Connie konjuġi Vella vs Chris Micallef,** (Appell Ċivili Numru. 653/2008/) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2010.

[44] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Assoċjazzjoni GS1 Malta vs Andrews Feeds (Malta) Limited,** (Appell Ċivili Nru: 851/2007/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Diċembru 2008.

[45] Eżemplari hija s-sentenza fl-simijet **Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd,** (Ċit Nru: 1560/1995/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' Ottubru 2004 fejn reġa ġie mfakkar: *"Ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke fis-sistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propozitu decizjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn gie proprju rikonoxxut, fuq listregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato"*

[46] F'dan is-sens wieħed huwa mistieden jara s-sentenza fl-ismijiet **Ellul Classic Design Woodworks Limited vs Roni Demanuele,** (App Ċiv Nru: 310/2019) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-18 ta' Mejju 2022 fejn fuq it-tema tal-ġustizzja ġie mfakkar hekk: *"Il-Qorti tirrileva li bħala qorti ta' reviżjoni hija m'għandhiex il-mansjoni li tagħmel analiżi mill-ġdid tal-provi, għajr f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn il-konklużjonijiet tal-ewwel Qorti, f'dan il-każ it-Tribunal, ma jkunux raġonevoli, jew fejn tkun sejra ssir inġustizzja manifesta ma' xi parti jew oħra."*

12 tal-Liġijiet ta' Malta[47]. Dwar l-imgħax, għalkemm dan m'huwiex mitlub fl-Avviż, it-Tribunal sejjer xorta jikkundanna dan il-ħlas u ma jistax jingħad li b'hekk ikun qiegħed jaġixxi *extra petita*[48].

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-talba billi filwaqt li jastjeni milli jqis aktar l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetá konvenuta minħabba d-digriet tas-17 t'Ottubru 2019, jiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tas-soċjetá konvenuta u jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta' elfejn, sitt mija u erbgħa u tletin Ewro (€2,634.00), bl-imgħax legali mis-17 ta' Settembru 2018[49] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetá konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

[47] Dan jgħid hekk: *Il-klawsola "bl-ispejjeż" titqies dejjem bħala mdaħħla f'kull skrittura li fiha jistgħu jintalbu l-ispejjeż.*

[48] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Costantino Ablea vs George Azzopardi (App Ċiv Nru: 380/1987/1)** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-7 ta' Ottubru 2005, fejn propju aggravju fuq dan il-punt ġie miċħud.

[49] Data tal-preżentata tal-Avviż odjern u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Avviż qiegħed jitqies bħala sejħa għal ħlas.